## Santa Luċija

**Minuti**

**It-Tmien Leġislatura**

**Laqgħa Numru 64/2023 – Laqgħa b'Urġenza**

**20 ta' Novembru 2023**

**Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-05:30 p.m.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Charmaine St John | Sindku |
| Terrence Ellul | Kunsillier |
| Kylie D'Amato | Kunsilliera (onlajn) |
| Liam Sciberras | Kunsillier (onlajn) |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv |

**Assenti b'Apoloġiji (Skond Ordni Permanenti 14A (3))** :

| | |
|---|---|
| Frederick Cutajar | Viċi Sindku |

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

**64.01 Talba**

64.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**64.02 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

64.02.01 Is-S.E. informa li l-Viċi Sindku kien infurmaħ li ma setgħax jattendi peress li kien indispost u talab li jkun skużat. Il-Kunsill approva li l-Viċi Sindku jkun skużat għal din il-laqgħa.

**64.03 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv**

64.03.01 Is-Sindku nfurmat li peress li s-Sur Mizzi kien inħatar bħala Segretarju Eżekuttiv ta' Kunsill ieħor, il-Kunsill kellu bżonn jaħtar Deputat SE sabiex ikun jista' jibqa' jiffunzjona sakemm jinħatar SE ġdid. Filwaqt li rringrazzjat lis-Sur Mizzi għal ħidma tiegħu, hija pproponiet illi sabiex ikun hemm kontinwita' fix-xogħol, is-Sur Mizzi għandu jinħatar Deputat SE tal-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija. Il-Kunsillier Ellul issekonda u l-Kunsill qabel unanimament ma din il-proposta.

**64.04 Tmiem tal-laqgħa**

64.04.01 Il-laqgħa ntemmet fis-5:40 p.m.

**Konfermati illum il-Ħamis 7 ta' Diċembru 2023.**

| | |
|---|---|
| **Charmaine St John**<br>**Sindku** | **Fabian Mizzi**<br>**Deputat Segretarju Eżekuttiv** |